**Appell ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2019 mill-Kommissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fil-11 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-138/18, De Esteban Alonso vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-591/19 P)**

(2019/C 413/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Kommissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin u J. Baquero Cruz, aġenti)

*Parti ohra fil-proċedura:* Fernando De Esteban Alonso

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2019 (T-138/18);

— tiċhad ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza;

— tikkundanna lil F. De Esteban għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Permezz tal-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball fil-klassifikazzjoni legali tal-fatti fir-rigward tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1999/396, il-Kummissjoni tissottometti li l-Qorti Ġenerali ma kellhiex tqis li F. De Esteban kellu jiġi "assimilat" mal-persuni msemmija b'isimhom fin-nota mibgħuta mill-OLAF lill-awtoritajiet Franċiżi fid-19 ta' Marzu 2003 jew għall-inqas ikkunsidrat li kien involut personalment fil-fatti, minkejja li l-persuna kkonċernata ma kienet taqa' fl-ebda waħda minn dawn il-kategoriji.

It-tieni motiv huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata fil-liġi tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 1073/1999 li jgħid li l-istituzzjonijiet għandhom dwar ir-rapport ippreżentat mill-OLAF "*jieħdu dik l-azzjoni, partikolarment dixxiplinarja jew legali, fuq il-bażi ta' l-investigazzjonijiet interni, skond ir-riżultati ta' dawk l-investigazzjonijiet.*". Il-Kummissjoni tikkunsidra li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata *a contrario* bħala li tillimita d-diskrezzjoni li għandha fid-difiża tal-interessi tal-Unjoni u, b'mod partikolari, bħala li tipprojbixxiha milli tidher bħala l-parti ċivili fil-proċeduri kriminali u tressaq rapport kriminali quddiem l-awtoritajiet nazzjonali meta tikkunsidra dan xieraq fid-dawl tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż fi stadju qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe rapport mill-OLAF.

Bit-tielet motiv tagħha, ippreżentat sussidjarjament, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tilqa' r-rikors għad-danni, minħabba nuqqas ta' rabta kawżali. Il-Qorti Ġenerali tbiegħdet indebitament mill-ġurisprudenza tagħha li skontha ma hemm l-ebda rabta kawżali diretta biżżejjed bejn it-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali u d-dannu allegatament subit.

---

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2019 minn Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-6 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-209/18 – Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-613/19 P)**

(2019/C 413/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG (rappreżentant: C. Klawitter, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Autec AG

B'digriet tal-24 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ċaħdet l-appell u kkundannat lill-appellanti tbati l-ispejjeż tagħha stess.

---

## Appell ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2019 minn Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-6 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-210/18 – Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-614/19 P)**

(2019/C 413/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Appellanti:* Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG (rappreżentant: C. Klawitter, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Autec AG

B'digriet tal-24 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ċaħdet l-appell u kkundannat lill-appellanti tbati l-ispejjeż tagħha stess.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-16 ta' Awwissu 2019 – Ge.Fi.L. - Gestione Fiscalità Locale SpA vs Regione Campania

**(Kawża C-618/19)**

(2019/C 413/29)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Ge.Fi.L. - Gestione Fiscalità Locale SpA